**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Micallef**
**v**

**PAUL CAMILLERI**

**Illum, 28 ta' Frar, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL CAMILLERI** ta' erbghin sena bin Paul u Maria nee Galea, imwieled r-Rabat, Malta nhar l-erbghat a' Dicembru, 1959 u joqghod 22, Triq Isouard, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 8017599M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli f'Bahar ic-caghaq, limiti tan-Naxxar fis-sittax ta' Jannar, 2000 u gratnet qabel din d-data,

1. voluntarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda inqas

minn hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' Carmelo Briffa.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat hmistax ta' Marzu, 2000 esibit fl-atti tal-process a fol 9 markat bhala dokument CM fejn l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu u l-provi tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-wiehed u tletin ta' Mejju, 2002 **xehed l-Ispettur Carmelo Micallef** fejn stqarr li fis-sittax ta' Jannar, 2000 kien dahal rapport l-Ghassa minn certu Carmelo Briffa li l-imputat kellu xi jghid mieghu u bhala rizultat ta' dan l-argument, l-imputat kkawzalu hsara voluntarja fuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni CAQ 612. L-ghada Carmelo Briffa mar l-Ghassa u tah zewg stimi, wahda fl-ammont ta' sitt mija disgha w tletin lira maltin u disgha w erbghin centezmu, rigwardanti hsara fil-vettura, markata bhala dokument CM

2 a fol 11 tal-process, u stima ohra rigwardanti xi allegat hsara fil-bieb ta' barra fl-ammont ta' mija sitta w ghoxrin lira maltin u hamsin centezmu markata bhala dokument CM 3 a fol 12 tal-atti. Illi skond r-rapport li ghamel Carmelo Briffa, l-incident inqala quddiem certu Patrick Sciberras.

L-imputat ma rrilaxxjax stqarrija izda b'mod verbali kien tkellem mal-Ufficjal Investigattiv u kien ammetta li kien gie pprovokat minn Carmelo Briffa ghaliex kien sab l-guest house maghrufa bl-isem 'Blandon' li kien kera minghandu, maghluq u ghalhekk fis-sahna ta daqqa ta' sieq lil vettura tieghu.

**Patrick Sciberras kkonferma** dan u cioe li meta l-imputat mar fuq il-post sab il-fond li kien kera, maghluq. Kemm l-imputat kif wkoll Patrick Sciberras cahdu li f'xi hin ghamlu xi hsara fil-bieb principali.

**PS 586 Joe Brincat u PC 1174 Adrian Sciberras xehdu** fil-wiehed u tletin ta' Mejju, 2000 fejn qalu li huma raw lil imputat jaghti daqqa ta' sieq lil vettura ta' Carmelo Briffa u raw li f'idejh kellu hadida pero fl-ebda hin ma jghidu li raw lil imputat jaghti biha.

L-allegat vittma xehed u stqarr li huwa ra lil imputat jfarrak il-vettura tieghu u l-bieb ta' barra, tant li kkonferma l-istimi esibiti minnu bhala dokument CM 2 af ol 11 tal-atti u CM 3 a fol 12 tal-atti u qal li l-hsara ndikata f'dawn iz-zewg dokumenti jirriflettu l-hsarat li sofra in konnessjoni ma dan l-incident.

**Daniel Briffa** iben il-vittma **xehed** wkoll u qal li ra lil imputat jhabbat mal-bieb tal-fond Blandon Guest House u jikkawzalu hsarat kif wkoll rah jaghti daqqa ta' sieq lil vettura ta' missieru.

**David Gatt**, impjegat ma Gasan Enterprizes Limited, **stqarr** li l-istima li hareg markata bhala dokument CM 2, harigha fuq talba ta' Carmelo Briffa u spjiega l-hsarat kollha li kien hemm fil-vettura tieghu. Huwa ddeskriva l-vettura bhala f'kundizzjoni hazina w in oltre spjiega d-diversi daqqiet li ma semmewx mix-xhieda prodotti bhal per ezempju hsara f'xi pilastru. Qal li l-vann ma kienx kundizzjonat u fil-fehma tieghu ma kienx jiswa s-sitt mija tlieta w disghin lira maltin li kellhom jintefqu biex jissewwa.

**Bartolomeo Sammut xehed** wkoll u kkonferma d-dokument CM 3 u zied jghid li l-bieb li kien hemm ta' Blandon Guest House ma kienx sod, kien qadim, kien ilu li sar xi ghaxar snin w in oltre kien tal-

aluminium silver u li llum il-gurnata dak il-kulur ma jintuzax u ghalhekk irrakkomanda li l-bieb jinbidel. Huwa qal li ma ra l-ebda sgass fuq dan il-bieb.

**L-imputat xehed** fl-ghaxra ta' Dicembru, 2001 fejn kkonferma li huwa ta daqqa ta' sieq fuq il-vettura ta' Carmelo Briffa minhabba d-daghdija li kellu peress li Carmelo Briffa ma hallihx jidhol fil-fond Blandon Guest House wara li kien kera l-fond minghandu. Huwa spjiega kif kien xtara ikel w armar ghal fond li kera izda dan nonostante ghalkemm kien qed jhallas l-kera, Carmelo Briffa ghalaqlu l-bieb u ma tahx aktar access minghajr ebda raguni u ghalhekk b'rabbja, huwa ta daqqa ta' sieq fuq il-vettura.

Il-Qorti thoss li ghalkemm l-imputat setgha kien rrabbjat b'dak li ghamillu Carmelo Briffa u cioe li cahadlu l-access prima facie legittimu li kellu, l-imputat ma setghax jaqbad u jizfoga fil-vettura; messu fittex passi legali.

Il-Qorti hija propensa temmen l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat u cioe li ma kkaguna ebda hsara fil-bieb ta' Carmelo Briffa, izda li kkawza hsara fil-vettura tieghu bid-daqqa ta' sieq li ta.

Il-Qorti mhux qed tghid li taqbel mal-quantum imsemmi fl-istimi izda li kkawza hsara.  Illi din hija kwistjoni li tista tigi rizolta civilment.

Il-Qorti ghalhekk rat l-artikoli tal-ligi u cioe 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Tiddikjara li qed ssib lil imputat PAUL CAMILLERI hati tal-akkuza u tikkundannah multa ta' mitejn lira maltin.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**